



Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15821/23

LIMITE

POLCOM 282
COMPET 1154
IND 620
RELEX 1363

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tnedija tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika - Approvazzjoni ta' strument mhux vinkolanti

1. Fil-11 ta' Awwissu 2023, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie infurmat f'nota mill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tibda negozjati dwar strument mhux vinkolanti fil-forma ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tnedija tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika (CRM).
2. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tnedija tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika¹.
3. Il-Kummissjoni ppreżentat it-test tal-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta, kif jinsab fid-dokument ST 15822/23, fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) tat-23 ta' Novembru 2023. Matul id-diskussjoni, l-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għal dak it-test.
4. Ir-rappreżentanti tal-UE u membri oħra tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika beħsiebhom iniedu l-Klabb f'avveniment iddedikat li għandu jsir fil-marġini tal-Konferenza dwar it-Tibdil fil-Klima (COP28) fit-2 ta' Diċembru 2023.

¹ ST 14893/23

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Tnedija tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika, kif jinsab fid-dokument ST 15822/23; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, it-test tal-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta, kif jinsab fid-dokument 15822/23, soġġett għal aġġustamenti żgħar possibbli, b'riżultat ta' negozjati ulterjuri, dment li dawk l-aġġustamenti ma jaffettwawx is-sustanza u l-intenzjoni tat-test.
-